MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 17/2009

Joseph Mary sive Jesmond Mifsud

vs

Giuseppe u Patrizia konjugi Piazzi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-7 ta' Mejju 2009, li jghid hekk :-

'Illi l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lir-rikorrenti Joseph Mary sive Jesmond Mifsud s-somma ta' sebgha mija u tmienja u sebghin Ewro u tnax –il centezmu (€778.12) dovut lir-rikorrenti bhala hlas ta' xoghol u materjal ta' plumbing u dawl illi huwa ghamel fil-farmhouse numru 37, Triq Il-Munxar, Munxar, Ghawdex, proprjeta' tal-konvenuti fuq inkarigu tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.’

Il-konvenuti permezz tar-risposta taghhom ipprezentata fl-24 ta’ Awwissu 2009, eccepew :-

‘Illi preliminarjament l-konvenuti qed jeccepixxu illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in linea sussidjarja u kemm –il darba l-eccezzjoni preliminari ma tissussistix il-konvenuti jeccepixxu illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.’

Ra l-verbal tad-29 ta’ Ottubru 2009, fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ;

Ra wkoll il-verbal tat-18 ta’ Marzu 2010, fejn il-konvenuti hallsu s-somma ta’ sebgha mja u hamsin Euro (€750), liema hlas gie accettat mill-attur a saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu wara li rreveda l-kont tieghu u sab li kien hemm diskrepanza ta’ tmienja u ghoxrin Euro (€28) zejda mis-somma li originarjament kien qed jitlob lill-konvenuti li jhallsuh. Fid-dawl tal-pagament, l-attur ma nsistiex aktar dwar il-meritu u ceda l-meritu, izda zamm ferm it-talba tieghu dwar il-hlas tal-imghax u dwar il-kap tal-ispejjez ;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Sama’ lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din is-sentenza qed tigi limitata dwar il-pretensjoni tal-attur ghall-hlas tal-imghaxijiet fuq is-somma ta' sebgha mija u hamsin Euro (€750) u l-ispejjez tal-kawza ;

Jirrizulta mill-provi li qabel ma giet intavolata l-kawza l-attur kien baghat ittra nterpellatorja lill-konvenuti permezz tal-Avukat Dottor Joseph Grech fit-12 ta' Mejju 2008, ghall-hlas tas-somma ta' €778.13 bhala bilanc li l-attur kien qed jippretendi lill-konvenuti li jhallsuh ghal xoghol ta' plumbing u lucelettrika li ghamel fuq inkarigu taghhom fil-fond li l-konvenuti ghandhom fil-Munxar, Ghawdex. Il-kont tax-xoghol kollu originarjament kien ta' elf disa' mija u tnejn u erbghin Euro u tnejn u tmenin centesimi (€1942.82), li minn dan l-ammont il-konvenuti kienu hallsu lill-attur is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centesimi (€1164.69) permezz ta' zewg pagamenti. Permezz ta' ittra tat-18 ta' Frar 2008, mibghuta mill-konvenuti lill-attur bl-Avukat Dottor Samuel Azzopardi, huma talbu li jinghataw rendikont tal-flus li kienu hallsu u tal-bilanc li kienu qeghdin jintalbu li jhallsuh, kif ukoll ricevuta fiskali tal-hlas li kien sar minnhom, liema rendikont jirrizulta li l-attur baqa' ma tahomx u minkejja li jidher li l-attur kien harigha r-ricevuta fiskali, huwa kien baqa' ma baghtilhomx, kif wara kollox ikkonferma hu stess ;

It-Tribunal ma jqisx il-kont li hargilhom l-attur li jinsab esibit a fol.13 u 14 tal-process, u wkoll a fol. 21 u 22 bhala rendikont li l-konvenuti setghu jifhmuh, u l-attur ma kienx gustifikat li minflok ma baghtilhom ricevuta tal-hlas li l-attur kien rcieva minghandhom u rendikont tax-xogholijiet li taghhom kien ircieva l-hlas u tax-xogholijiet li taghhom kien qed jippretendi l-hlas, huwa kien baghtilhom l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Mejju 2008, ghall-hlas tal-bilanc ta' €778.13. Sa tliet xhur wara li kienet intbaghtitlu l-ittra tat-18 ta' Frar 2008, mill-konvenuti, l-attur kien ghadu jirrikorri ghas-servizzi professjonali tal-Avukat Dottor Joseph Grech, u ghalhekk ma kienx gustifikat li lill-konvenuti baqa' jittrattjeni milli jibghatilhom ir-ricevuta tal-pagament li kien ircieva, u lanqas li ma jaghtihomx ir-rendikont tax-xogholijiet tieghu li taghhom kien ghadu qed jippretendi minghandhom il-hlas ulterjuri ta' €778.13. Fl-ahhar mill-

ahhar il-konvenuti kellhom dritt li jinghataw taghrif car bizzejjed tax-xoghol li kienu qeghdin jintalbu minghandu li jhallsuh tieghu. Li kieku l-attur ottempera ruhhu ma' dak li kienu talbuh il-konvenuti, li wara kollox kien fid-dmir li jaghtihom rendikont u obbligu li jfornihom minnufih b'ricevuta fiskali appena li rcieva l-hlas, il-konvenuti ghandhom mnejn kienu jissaldaw il-bilanc bhalma ghamlu fil-mori tal-kawza, bil-probabilita' li kienet tigi evitata l-kawza, u ghalhekk l-ispejjez taghha. Almenu zgur li kienu jigu ccarati zewg hwejjeg kemm a rigward il-hlas li kienu ghamlu l-atturi ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u mhux ta' sebgha mitt lira Maltin (Lm700) kif mill-ittra tat-18 ta' Frar 2008, kienu qeghdin jippretendu l-konvenuti li hallsuh lill-attur, u wkoll dwar id-diskrepanza fil-kont li fil-mori tal-kawza hareg biha l-attur ta' tmienja u ghoxrin (€28) ;

Dan it-Tribunal mhuwiex konvint mill-verzjoni tal-attur li ma kienx ircieva l-ittra tat-18 ta' Frar 2008, kif qaghad jittituba fix-xhieda tieghu, u anke' jekk ghall-grazzja tal-argument ma kienx irceviha din l-ittra zgur li l-attur kien f'pozizzjoni li jkun jaf dak li kienu qeghdin jippretendu l-konvenuti minghandu qabel ma jaghmlu pagamenti ulterjuri billi kien hemm okkazjonijiet li l-attur kien prezenti ghand l-avukat tieghu u l-avukat tieghu kien jikkorrispondi bit-telefon quddiemu mal-avukat tal-konvenuti dwar il-pendenzi li kien ghad fadal bejniethom. Minn naha l-ohra pero' l-kovenuti lanqas ma kienu gustifikati li ma jaghmlu ebda pagament iehor la darba kienu jafu li rrikorrew ghas-servizzi tal-attur kemm –il darba u li kienu jsibuh f'dak kollu li kien ikollhom bzonn fid-dar taghhom ghal dak li jirrigwarda xoghol ta' plumbing u lucelettrika, u d-diskrepanza fil-kont lanqas ma tirrizulta li kienet daqstant kbira daqs il-bilanc tal-pagament li kienu qeghdin izommu lura milli jissaldawh lill-attur ;

Wara li ra l-artikoli 223(3) tal-Kap.12, 1141 tal-Kap.16, u 7(1) tal-Kap.380 ;

Ghaldaqstant jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-imghax legali fuq is-somma ta' sebgha mja u hamsin Euro (€750) b'effett mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba sat-18 ta'

Marzu 2010, meta effettivament sar il-hlas mill-konvenuti, jordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi mill-konvenuti (2/3).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------